IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa
## tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 66

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u kwart ta' waranofsinhar (5:15pm) nhar **it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2023**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**SKUŻAT :**

Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**66.1 Qari tal-ittri ta’ Apoloġija**

66.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta’ xogħol. Apoloġija approvata.

**66.2 Korrispondenza**

66.2.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Port dwar l-iskema tas-CCTV cameras għall-infurzar fil-komunità għal aktar indafa.

66.2.2 Preżentata ittra mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Svetlick Flores, CEO tal-LESA sabiex ma jinħarġux kontravenzjonijiet mill-cameras tal-Pjazza tal-Birgu peress li bħalissa għaddej ix-xogħol ta’ riġenerazzjoni tal-Pjazza.

66.2.3 Preżentata ittra mibgħuta lill-Ministru Onor. Owen Bonnici sabiex issir laqgħa rigward il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Is-Sindku qal li hu ltaqa’ mal-Ministru u ltaqa’ miegħu wkoll fil-binja tal-Armerija fejn is-Sindku talab biex l-ewwel żewġt ikmamar ta’ din il-binja, jintużaw biex topera l-Fondazzjoni 2031.

66.2.4 Preżentata ittra mibgħuta lis-Sinjura Ruth Debattista mill-Community Workers Scheme fejn il-ħaddiem Saffouin Kassab qed jagħti l-leave kollu tiegħu bħala donazzjoni għall-ħaddiema li jkollhom bżonn fl-istess skema. Is-Sindku qal li ħaddiem bħal dan qatt ma kellu l-kunsill u għaldaqstant ikun xieraq li jiġi rikonoxxut tax-xogħol kollu li jagħmel. Għaldaqstant ġie maqbul mis-Sindku u l-kunsilliera li jingħataw rigali lit-tfal tiegħu bħala ġest ta’ apprezzament.

66.2.5 Preżentata korrispondenza dwar applikazzjoni imdaħħla mal-Awtorità tal-Ippjanar mill-Kulleġġ De La Salle fejn tqajjem tħassib minn diversi residenti ta’ Triq Joseph Mary Genuis fuq din l-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif hu attenda laqgħa fil-Kulleġġ stess mal-Prinċipal is-Sur Stephen Cachia, fejn għaliha kienu mistiedna dawn ir-residenti wkoll. Permezz ta’ din il-laqgħa ingħata serħan il-moħħ u spjegazzjoni tajba dwar il-proġett propost u għaldaqstant ma kienx hemm għalfejn preokupazzjoni mir-residenti li fi tmiem il-laqgħa huma stess ikkonfermaw dan.

66.2.6 Preżentati ritratti ta’ mudell ta’ *shelter* ta’ *Bus Stop* sabiex jinħadem wieħed għal Triq Joseph Mary Genuis peress li kien hemm kien tkisser u qatt ma

sar wieħed floku. Is-Sindku propona li jinġiebu l-istimi sabiex isir dan ix-shelter. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

66.2.7 Preżentata Ċirkulari Nru 22/2023 Allokazzjoni Finanzjarja għall-2024 fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu se jkollu allokazzjoni ta' €436,382 (erba' mitt elf, sitta u tletin elf tlett mija u tnejn u tmenin Ewro)

66.2.8 Is-Sindku preżenta ritratt ta' pittura tal-Birgu u propona li tinxtara għall-Berġa ta' Franza. Din il-pittura tiswa' ħames mitt Ewro (€500) u titħallas mid-donazzjonijiet miġbura. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**66.3 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

66.3.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar staqsa kienx hemm żviluppi dwar id-disinn tal-proġett tal-Pjazza tal-Birgu. Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu fejn kien ankè talab lil Viċi Sindku stess jattendi iżda ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Is-Sindku spjega dak li ntqal fil-laqgħa u afferma li jekk kemm-il darba dawk il-ħwienet ma jżarmaw l-imwejjed u s-siġġijiet meta mitlub lilhom, l-Awtorità tal-Artijiet tista' tieħu azzjoni mmedjata u anke tirrevoka l-permessi.

66.3.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar staqsa wkoll dwar in-nofs tal-Pjazza li ser tkun pedonali u qal x'jista' jsir biex ħadd ma jarma imwejjed u siġġijiet fin-nofs. Is-Sindku qal li hemm master plan li kulħadd irid jimxi miegħu u għaldaqstant mhux possibbli li jingħata permess għal imwejjed u siġġijiet fiż-żona msemmija.

66.3.3 Is-Sindku staqsa fiex waslet l-applikazzjoni għal żewġ ħaddiema Office Assistance fuq bażi *part-time*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed nistennew konferma mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinħareġ permess min-naħa tagħhom.

66.3.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar staqsa fiex wasal il-proġett tal-Ġnien tal-Glażiż u jekk hux se jkun hemm Dog Park fih. Is-Sindku qal li l-proġett jidher li miexi sew u d-dog park huwa wkoll inkluż fil-ġnien.

66.3.4 Is-Sindku qal li l-vetrina tal-partituri tas-Surmast Ġużeppi Frendo se ssir mis-Sur Lawrence Barbara. Is-Sindku propona li l-partituri kollha li hemm, ikunu fil-vetrina, inkluż l-Innu ta' San Lawrenz. Il-kunsilliera ma sabu ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

**66.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

66.4.1 Il-laqgħa ntemmet fis-sebgħa ta` filghaxija (7:00pm). Id-data għal-laqgħa li jmiss ser tkun komunikata aktar 'il quddiem iżda se f'Jannar 2024.

Konfermati llum:

**L-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024**

John Boxall
**Sindku**

Christian Lawrence Raggio Vella
**Segretarju Eżekuttiv**